# L-Istatwa ta' San Pawl fil-Knisja Parrokkjali tad-Duluri.

***kitba ta' Patri Arthur Joseph Saliba OFMConv.***

Il-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar hija ddedikata lil Marija Addolorata. Kienet ix-xewqa tal-Markiża Anna Buġeja li l-knisja l-ġdida li kienet sa tibni minn flusha tiġi ddedikata lid-Duluri. It-twajba Markiża, kif ħalliet miktub fi ktejjeb żgħir bit-titlu "Illustrazioni Spirituali", din l-ispirazzjoni ġietha fit-30 ta' Marzu 1900, sewwa sew fil-jum li fih bdiet is-settena tad-Duluri ta' Marija Santissima Reġina tal-Martri.

Il-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar twaqqfet fid-9 ta' April 1905, b'digriet ta' l-Arċisqof Pietru Pace. Il-festa tad-Duluri bdiet issir ta' kull sena b'entużjażmu kbir, fl-ewwel Ħadd fuq il-15 ta' Settembru. Imbagħad iktar tard bdiet tiġi ċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Lulju.

Imma kien xieraq ukoll li f'San Pawl il-Baħar ikun hemm devozzjoni lejn l-Appostlu tal-Ġnus li f'din l-art imbierka ra l-għarqa biex żara' l-Fidi Nisranija f'Malta. Fil-bidu tas-sena 1919, l-aħwa Teresa u Marianna Pace avviċinaw lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Patri Beneditt Ġużepp Cauchi għax xtaqu jwaqqfu festa f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl. Huma xtaqu wkoll li ssir statwa kbira u sabiħa tal-qaddis biex tinġar fil-purċissjoni. L-aħwa benefatturi għamlu wkoll fondazzjoni biex ta' kull sena ssir festa solenni bit-tridu u bil-prietki.

Il-Patrijiet Franġiskani ta' San Pawl il-Baħar aċċettaw l-offerta bil-qalb. Għal dan ix-xogħol il-Kappillan Cauchi qabbad lill-artist Malti Karmenu Mallia ta' Ħal Qormi, awtur ta' bosta opri oħra li tagħhom qala' tifħir. Malli l-istatwa ta' San Pawl kienet lesta ġiet esposta għall-pubbliku fl-Oratorju tal-Madonna tal-Karità li jinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl fil-

Belt. L-Erbgħa 9 ta' Lulju, fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fis-sitta ta' filgħaxija, l-istatwa ta' San Pawl ġiet imbierka solennement mill-Arċisqof Mawru Caruana. Ħadu sehem fiċ-ċeremonja l-Arċipriet tal-Kolleġġjata Dun Pawl Agius, il-Kanonku Dekan Borg Olivier, il-Kanonku Arċipriet Kuġitur Salvatore Dei Conti Manduca, il-Kanonku Kurat Filippo Camilleri, il-Kanonku Orazio Apap, u l-Kanonku Salvatore Tartaglia, quddiem folla kbira ta' nies. Min-naħa tal-Franġiskani kienu preżenti l-Ministru Provinċjal Patri Tonin Buhagiar, il-Kappillan Cauchi u kważi l-patrijiet kollha tal-Provinċja Maltija tal-Franġiskani Konventwali.

L-għada, l-Ħamis 10 ta' Lulju 1919, l-istatwa ta' San Pawl twasslet solennement fil-Knisja Parrokkjali tad-Duluri. F'San Pawl il-Baħar saret festa kbira u għall-okkażjoni ġiet iddoqq il-Banda Filarmonika "La Valette".

Wara li tkabbret il-knisja parrokkjali, l-istatwa ta' San Pawl saritilha niċċa sabiħa. Fi żmien il-parrokat ta' Patri Elija Vella (1980-1986) saru żewġ niċeċ kbar fil-korsija tal-Knisja. In-niċċa għall-istatwa titulari tad-Duluri nħadmet bejn Lulju u Novembru 1981. Imbagħad sa Marzu 1982 kienet lesta n-niċċa ta' San Pawl pariġġ dik tad-Duluri. Ix-xogħol għamlu l-Imgħallem Salvu Xuereb fuq pjanta tal-Perit Louis Naudi. Iż-żewġ niċeċ inħadmu b'mod li l-istatwi jidħlu fihom armati bil-bankun

